10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 8**

**8 ta' Ottubru 2024**

Il-laqgħa numru 8 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar is-7 ta' Ottubru 2024 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Joe Vella

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma' kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

2.1 Korrezzjonijiet laqgħa 7:

Taħt punt numru 2 kellu jiġi s-sottotitlu: Korrezzjonijiet

2.2 Punti mqajma mill-minuti

- Siġar fil-perimetru tal-iskola – dan ġie assessjat mill-ġardinar li qabel mal-perit. 3 siġar se jinqalgħu fl-4 u 5 ta' Novembru 2024 bejn is-7.00am u 15.00. Dawn id-dati ġew magħżula peress li m'hemmx skola għalhekk ikun hemm inqas inkonvenjent għar-residenti. Xorta ser ikun hemm l-uffiċjali tal-LESA sabiex jidderieġu traffiku. Ser tintbagħat ittra lir-residenti, kif ukoll email sabiex tiġi infurmata l-ERA. Is-Sur Carabott issuġġerixxa li noħorġu stqarrija. Fuq dan kien hemm qbil minn kulħadd

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibda full time nhar it-12 ta' Novembru 2024

2.4 Il-Byelaw lesta u ser tiġi mgħoddija lid-DLG għal approvazzjoni

2.5 S'issa ma kien hemm l-ebda risposta mid-door numbering unit

2.6 Is-Sur Joe Vella saqsa għala it-timeframes ma baqgħux bħal tas-soltu fejn jidħol in-nominazzjonijiet tal-Ġieħ u l-Mertu. Is-Sindku qal li minħabba timeframes u npenji oħra mhux għax kien hemm xi raġuni partikolari.

2.7 Is-Sindku informa li TM lestew l-ispeed test fi Triq il-Kbira San Guzepp u qegħdin nistennew li jkellmuna fuq il-konklużjonijiet li waslu għalihom

2.8 Is-Sindku informa li ltaqa' mas-Sid tal-A+ power u iddiskuta talba għal Un/loading bay u kien qed jistenna li is-Sid ikellmu lura peress li dan mhux familjari mal-policies ta' TM. Dan għaliex hu jrid li l-bay tkun 24/7 meta l-prassi ta' TM hi ta' massimu 8 sigħat.

2.9 Is-Sur Stephen Sultana ikkummenta li d-dokumenti tat-talba tas-soċjetà Filarmonika ta' Santa Venera kienu itellgħu quddiem il-kunsill preċedenti u kienu approvati. Is-Sindku informa li skond il-minuti li nstabu ta' laqgħat fejn jissemma dan, kien hemm talba għal aktar dettalji imma liema dettalji qatt ma ġew approvati. Dawn id-dettalji kienu ntbgħatu b'email lil kunsill preċedenti. Is-Sur Sultana qara koppja ta' dik l-email fejn informa lill-membri tal-kunsill preċedenti li kellhom isibu aktar dettalji annessi mal-email. Is-sindku qal li inbilli ntbagħtet l-email bid-dettalji ma' jfissirx li kien hemm approvazzjoni. Is-sindku żied jgħid li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' mal-għaqda fejn iddiskutew dak li kien approvat fil-kunsill sabiex ifittxu skemi oħra.

2.10 Fuq il-Ħaddiem tal-Kunsill is-Sindku informa li wara laqgħa bejn il-ħaddiem u s-segretarju, dan talab għaż-żieda li ma kienx ħa bħal COLA, għal performance bonus, kif ukoll sabiex jieħu l-arretrati bil-paga l-ġdida minn Lulju 2024. Is-Sur Sultana spjega li dan il-ħaddiem kien qed jiġi mħallas b'rata ta' part-time sakemm tippermetti liġi. Is-segretarju spjegat li peress li dan kien ħaddiem tal-Kunsill ikun hemm bżonn l-approvazzjoni tal-DLG. Għalhekk il-kunsill qabel li l-ħaddiem jibda jitħallas bil-paga miftehma minn meta jkun hemm l-approvazzjoni tal-DLG.

## 3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

| Item number | Mistoqsija | Risposta |
|---|---|---|
| 623 u 625 | Is-Sur Joe Vella saqsa għal kien hemm kunsilliera li jieħdu allokazzjoni differenti | Is-segretarju spjegat li se tintbagħat ir-risposta b'email. |

| | | |
|---|---|---|
| 671 | Is-Sur Joe Vella saqsa liema boundary wall kien? | Is-Sindku spjega li ta' ħdejn il-petshop |
| | Is-Sur Joe Vella saqsa fuq liema rapport tħallas il-perit? | Is-Segretarju spjegat li talbet sabiex il-perit jiċċertifika l-bus shelter sabiex jitħallas il-kuntrattur u jingħalaq il-proċess. Il-perit qed jgħid li ma jistax jiċċertifika l-proġett minħabba diversi fatturi li ser ikunu qed jiġu diskussi mal-kunsill aktar il-quddiem |
| 672 | Is-Sur Joe Vella saqsa hekk ħariġx it-tender | Is-Segretarju ikkonfermat li qed jaħdmu fuqu |
| 679 | Is-Sur Joe Vella saqsa għal xiex intuża' | Is-Sindku spjega li dan kien is-sound għal ikla tal-għaqdiet |

**4 Komunikazjoni mis-sindku u korrispondenza oħra**

- Immaniġġjar tat-traffiku

Is-Sindku spjega li fil-leġislatura li għaddiet kien sar studju mill-kumpanija Studju Urban in-naħa tal-Mużew. Is-Sur Stephen Sultana spjega li dan ma kienx ġie implimentat għax ma' kienx sar studju ukoll fuq Triq Reġjonali u Triq il-Barrieri.

Il-Perit Dr Antoine mill-kumpanija Studju Urban spjega li mill-informazzjoni li kienet inġabret u kif turi figura numru 5 fir-rapport, Triq Qalb imqaddsa kellha tinbidel għal direzzjoni waħda lejn Triq San Ġorġ u b'hekk il-karozzi ma' jinżlux lejn Triq Brighella sabiex jinqata' l-bottle neck.

Għalhekk Triq San Ġorġ kellha tkun kollha one way, u minn Triq Qalb Imqaddsa tista' tikser lejn Triq San Ġorġ. Is-Sur Sultana issuġġerixxa li sakemm titranġa triq fejn hemm il-garaxxijiet isiru il-linji sofor doppji. Il-perit u sindku spjegaw li l-parti żgħira kellu ssir parkeġġ

Fuq dan kien hemm qbil minn kulħadd.

- Aqra Miegħi

Is-Sindku spjega li segretarju eżekuttiv mexxiet laqgħat flimkien mal-aġenzija tal-litteriżmu fejn flimkien mal-Parroċċa ser jibdew isiru sessjonijiet ta' Aqra Miegħi għat-tfal bejn 0 u 3 snin fiċ-ċentru parrokkjali.

- Suġġeriment Kalendarju

Is-Sindku spjega li rċieva komunikazzjoni mingħand is-Sur Joe Vella għal kalendarju tal-Kunsill lokali. Is-Sur Vella spjega li dan il-wall calendar kellu juri xi binjiet storiċi fil-lokali fejn ikun hemm ritratt għal kull binja. Hu kompli jgħid li ġew identifikati 17 il-lokal u hemm ħafna aktar. Is-Sindku qal li ngħażlu 12 u l-oħrajn jintużaw is-sena ta' wara. Naraw ukoll kemm hemm bżonn kopji. Is-Sur Vella u Segretarju Eżekuttiv ser ikunu qed jiltaqgħu sabiex ikomplu dan il-proġett peress li l-kunsilliera kollha approvaw dan is-suġġeriment.

- Fun Run

Is-Sindku spjega li il-kunsill irċieva email fejn ġie infurmat li bħal kull sena minn quddiem il-Kunsill ser ikun qed tgħaddi il-Fun Run li tiġi organizzata kull sena mill-uffiċju tal-president. L-unika differenza din is-sena kienet li ma kienetx ser tibda minn quddiem il-kunsill. Is-Sur Karl Carabott issuġġerixxa li l-kunsill kellu jikkuntattja lil-uffiċju tal-president u jara hekk dan kellux bżonn li jkollu assistenza fuq tqassim ta' ilma minn quddiem il-kunsill. Din l-istation forsi tkun tista' tiġi amministrata mill-iscouts. Għaldaqstant is-segretarju eżekuttiv kellu jibgħat email lil-uffiċċju tal-president sabiex jara hekk hemmx bżonn għajnuna

- Skema Manutenzjoni u Sostenn

Is-Sindku xtaq jiċċara li fuq l-iskema msemmija hawn fuq li nħarġet mid-DLG fejn il-kunsill kien iddeċieda li japplika għal car stoppers kif ukoll lampi ġodda fi triq il-Kbira San Gużepp. Dan għaliex ntbagħtet kjarifika mid-DLG bħalma ġie spjegat fl-email li ntbagħtet qabel il-

laqgħa fejn ġie innutat li fil-minuti tal-laqgħa preċedenti ma' kienx hemm stipulata l-approvazzjoni tal-flus li ser jintefqu għal dan il-proġett. Għaldaqstant hekk il-kunsill jingħata l-massimu tal-fondi minn din l-iskema ta' Euro 30000 inkluż il-VAT, din tammonta għal 85% tal-ispiża tal-proġett. Għalhekk il-kunsill ikun irid joħroġ is-somma li jkun fadal ta' 15% li tammonta għal 5,155 inkluż il-VAT.

Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

- Ġonna

Is-Sindku informa li skada l-ftehim mal-għaqda tal-Banda fejn huma kienu jagħlqu l-ġonna. Is-Sur Joe Vella u Sur Karl Carabott qalu li la servizz kien tajjeb u huma juru xewqa li jkomplu dan kellu jiġi mġedded.

Fuq dan kien hemm qbil unanimu

Is-Sa Roberta Carabott, talbet li tiġi skużata mil-laqgħa u l-kunsill qabel.

- Sistema tal-ilma għax-xorb

Is-Sindku informa li kien hemm laqgħa bejn *Hidrami Water Systems* u S-Segretarju Eżekuttiv għal informazzjoni dwar sistema tal-ilma għax-xorb. F'din il-laqgħa ġie diskuss li din is-sistema toffri alternattiva fejn hi irħas mill-fliexken tal-ilma, kif ukoll iktar sigura għal ambjent. Il-magna tal-ilma tingħata b'xejn imma jkollha bżonn ta' dawl, ilma, u drajn. Il-Kumpanija titħallas skond il-konsum, imma l-meter tal-ilma u l-ispejjeż tiegħu ikun kollu fuq il-kunsill. Peress li din kienet ser issir barra, kellu jinbena saqaf.

Il-Kunsill qabel li kellhom jintgħalbu aktar kwotazzjonijiet minn kumpaniji oħra u wara tiġi maqbula somma kemm ser jinbiegħ l-ilma kif ukoll fejn ser issir il-magna.

- Playground tal-Palazz l-Aħmar

Il-kunsill kien għad fadallu jieħu flus minn PA fuq skema li kien applika għalija kunsill preċedenti. Dawn il-flus kienu għadhom ma ġewx fil-kont tal-kunsill peress li l-MCCA kienet għada ma tagħtx l-approvazzjoni tagħha. Għaldaqstant, kien ġie ikkuntattjat il-kuntrattur li ħadem fuq dan il-playground sabiex naraw jistgħux isir dak li kienu qed jissuġġerixxu l-MCCA. Il-kuntrattur kien wieġeb lura u qal li iva jista' jsir kif ukoll kien tkellem mal-kumpanija li tissuplixxijom.

Is-Sur Sultana issuġġerixxa li l-ewwel jinħoloq ftehim mal-MCCA sabiex jiġi ikkonfermat li dak li qed jissuġġerixxi l-kuntrattur jista' jsir u li hu fuq il-linji gwida tagħhom. Is-Sur Sultana spjega ukoll li l-kuntrattur ma kienx imħallas ir-*retention money* għaliex kien hemm dewmien esaġerat minn naħa tiegħu.

Fuq dan is-suġġeriment kien hemm qbil.

- Kameras madwar il-lokal

Is-Sindku informa li tqabbdu kameras li kien hemm mal-lokal li dawn huma propjeta tal-kunsill. Dawn tqabbdu online mal-LESA. B'hekk ma jkollniex għalfejn nħallsu kull darba li jkun hemm bżonn footage u għanda aktar infurzar mil-LESA. Is-Sur Sultana ikkummenta li vera li l-footage inkun aċċessibbli imma din tkun ta' darba mentri hekk fix-xahar hemm spiża tal-internet. Is-Sindku spjega li kif kienu qabel, il-kunsill kien qed iħallas tagħhom għal xejn. Is-Sur Carabott ikkummenta li hekk issa tkun tista' telimina l-affarijiet iż-żgħar u tkun tista' tieħu passi aħjar. Barra minn hekk l-infurzar jista' jsir aħjar peress li issa qegħdin imqabbdin mal-LESA u jkun jista' jiġi imqabbel id-drawwa ta' minn kien qed jagħmel l-abbuż. Is-Sur Joe Vella qal li hekk inkunu qed ineħħu l-impressjoni li dawn mhux jaħdmu.

Is-Sindku spjega ukoll li hu jixtieq iwaħħal aktar kameras mal-lokalita, imma dawn huma għoljin ħafna. Għaldaqstant iċċekkja x'kien hawn fis-suq u sab kameras li jaħdmu bis-solar

panels, u li jistgħu jitpoġġew minn naħa għal oħra. Dawn il-kameras ikollhom l-internet fihom u jiswew Euro 1400 + VAT. Sabiex jiġu mressqa jkun hemm spiża ta Euro 140 + VAT.

Is-Sur Karl Carabott saqsa hekk din tistax teħel m'arblu u sindku ikkonferma. Is-sindku qal ukoll li din is-sistema teżisti sistema ta' kiri imma li tiġi tiswa Euro 357 kull xahar. Hu qal li hekk kemm il darba jkun hemm qbil, għanda nibdew billi tiġi mwaħħla ġo Triq il-karmelitani, kantuniera ma' Triq Ċikku Portanier viċin tad-dog bin.

Il-kunsilliera qablu kollha

- Halloween

Is-Sindku informa li l-attività tal-Halloween mixja ġmiela, u nfetħu ukoll is-sejħiet għal bejjiegħa. Hu qal ukoll li rigward media u marketing tal-avveniment il-kunsill sab l-appoġġ tas-Segretarju Parlamentari Keith Azzopardi Tanti. Ser issir ukoll konferenza stampa fuq dan u ser issir laqgħa mal-LESA fuq l-immaniġjar tat-Traffiku.

- Tiżjin tal-Milied

Is-Sindku informa li ltaqa' mal-kuntrattur tad-dawl dekorattiv tal-Milied u dan offra l-istess pakkett tas-sena l-oħra bl-unika differenza li dawl tal-faċċata ma jsirx peress li jiġi mgħotti mis-siġar. Il-Festun ser ikun qed jixel fl-14 ta' Novembru. L-ewwel pendent ta' kull triq li tgħati għal triq il-kbira San Ġużepp ser ikolla disinn

Ser ikun qed jinġabu ukoll kwotazzjoni għal trombi bid-daqq tal-milied tul Triq il-Kbira San Ġużepp li jinżammu baxxi skond il-ħin. Fuq id-dawl tal-ġnien Romeo Romano, ser ikun qed jintrama issa sabiex jintuża fis-serata tal-Għana nhar it-18 ta' Ottubru, fil-Halloween, fl-14 ta' Novembru kif ukoll fil Milied.

Is-Sur Joe Vella saqsa hekk kienx hemm xi attività fil-19 u sindku informa li sar jaf bl-attività mill-medja soċjali u li l-fondi tal-18 t'Ottubru mhux ha jkopru id-19 ta' Ottubru.

Is-siġra tal-Milied ser tintrama mill-ħaddiema tal-kunsill quddiem il-knisja l-antika. Għalhekk ser jiġi avżat il-pirjol.

### 5 Talba Għal *crash barriers* - Triq il-Kanun ħdejn il-bring in site

Is-sindku spjega li wara li kien sar inċident ħdejn l-iBins ġewwa Triq il-Kanun il-kunsill kien rċieva talba għal crash barriers. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan is-suġġeriment. Intant, is-Sur Silvio Vella issuġġerixxa talba għal magna oħra tal-BCRS li forsi tista' issir fi Triq il-ġdida li għada bla isem ħdejn il-kumpanija Niumee.

Fuq dan kien hemm qbil.

Is-Sur Stephen Sultana qal ukoll li daħal suġġeriment sabiex tiżdied gaġġa għas-sriedaq ħdejn dik tal-għasafar fil-ġnien.

Fuq dan ukoll kien hemm qbil.

### 6 Pjanijiet għal-preżentazzjoni tar-rapport amministrattiv, u l-pjan ta' ħidma ta' kull kunsillier

Is-Sindku spjega li segretarju eżekuttiv issuġġeriet mod aħjar għal dawn il-laqgħat pubbliċi sabiex jintlaħqu aktar nies. Is-segretarju Eżekuttiv spjegat li sabiex dawn il-laqgħat pubbliċi isiru aktar attraenti il-format li kien qed jiġi ssuġerit kien li dawn jiġu abbinati mal-festi ta' Jum Santa Venera, u l-ewwel ikun hemm il-preżentazzjoni tar-rapport amministrattiv kif ukoll il-budget. Imbagħad isir sintesi qasira minn kull kunsillier għal rapport ta' ħidma u

wara jkun hemm diskussjoni f'panel dwar il-futur tal-kunsill lokali. Dan ser isir fl-Aġenzija Żgħażagħ.

Il-maġġoranza tal-kunsilliera qablu dwar dan. Għaldaqstant kien ser jiġi preparat pjan ta' ħidma mill-kunsilliera u jintbagħat lis-segretarju sabiex dan jiġi diskuss fil-laqgħa tal-kunsill.

Dan il-pjan ser ikun il-bażi tal-mistoqsijiet għas-sintesi qasira minn kull kunsillier. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

**7 Ġimgħa Santa Venera**

Is-Sindku qal li hu xtaq li jkun hemm Sports Day nhar id-9 ta' Novembru fejn jiġu inklużi l-għaqdiet kollha. Dan kellu jinkludi mhux biss fuboll imma kull tip ta' sports. Għaldaqstant kien ser jiddiskuti mas-Sa Roberta Sultana peress li dan hu d-dekastru tagħha. Wara filgħaxija kien ser ikun hemm il-finali tat-turnament tal-boċċi.

L-għada l-10 ta' Novembru ser issir quddiesa u wara parata mill-iscouts sa ħdejn il-monument. Fl-11 ta' Novembru kienet ser issir book launch fl-iskola St Michael's. Fil-12 ta' Novembru ser issir attività għal anzjani filwaqt li 13 ta' Novembru hu Jum is-soċjetajiet, u fl-14 ta' Novembru fil-għodu jkun iċċelebrat Festa Tfal u wara nofsinhar ikun hemm quddiesa, u jingħata Ġieħ Santa Venera. Minħabba l-ispiża bħala nhar ser ikun hemm biss 2 rdieden u kaxxa ta' fuq il-bejt.

**8 Log in ieħor għal bank**

Is-Sindku spjega li qed jiġi issuġġerit li jkun hemm log in ieħor għal bank sabiex jitħaffef il-proċess u hekk is-Sindku jew is-segretarju jkunu indisposti jkun hemm xorta xi ħadd li jista' japprova l-ħlasijiet. Għalhekk qed jiġi ssuġġerit li dan il-log in ikun f'isem is-Sa Naomi Baldacchino.

Fuq din kien hemm qbil unanimu.

9 **Ilmenti**

| *Numru* | *Soluzzjoni* | *Kummenti* |
|---|---|---|
| 226 | Ser jintbagħat il-contracts manager sabiex jiċċekkja | |
| 227 | Aktar infurzar | |
| 228 | Aktar infurzar | |
| 229 | Hemm pjanijiet għal meta jitlesta l-proġett | |
| 230 | Fil-playground hemm ħafna tgergir li dawl hu baxx ħafna | |
| 231 | Ser issir sa l-aħħar tas-sena | |
| 232 | CCTV | |
| 233 | Infrastructure malta | |
| 234 | Contracts manager | |
| 235 | CCTV | |
| 236 | CCTV | |
| 237 | Qed jieħdu ħsieba IM | |
| 239 | | |
| 240 | TM | |
| 241 | Ser issir la jieqfu xogħolijiet | |
| 242 | IM | |
| | | |
| 244 | Ser issir | |
| 245 | Ser issir | |
| 246 | Infurzar | |
| 249 | Mar-roundabout ma tistax issir zebracrossing | |
| 250 | Contracts manager | |
| 251 | Ser tintbagħat ittra | |
| 252 | Bżonn tar-ritratti | |
| | | |

Ilmenti oħra

Email mis-sur Sultana fuq Triq is-soll – qed jiċċekkja fuqha l-contracts manager

**10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-21 ta' Ottubru 2024 fil 17.00 fil-binja tal-kunsill.

Iffirmat

Gianluca Falzon

Sindku

Iffirmat

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv